KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38 kont 2** **IS-SITT KUNSILL**

It-tmienja u tletin seduta (kont. 2) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema tkompliet it-**Tnejn 27 ta' Ġunju 2011** fis-5.48 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Sandra Camilleri u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillieri Nikki Dimech u Nicolai Gauci avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Martin Debono u l-Kunsillier Julian Galea.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

**38.1. Approvazzjoni tal-Minuti**

38.1.1 Il-Kunsilliera S. Camilleri staqsit għalfejn il-Kunsill għandu japprova jekk Kunsillier għandux ikun imniżżel bħala skużat jew assenti.

38.1.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan huwa obbligu bil-liġi. Qalet li l-awdituri tal-Kunsill ukoll kienu rrimarkaw li dan huwa wieħed mid-dmirijiet tal-Kunsill u li l-Kunsilliera jridu jinfurmaw bil-miktub.

38.1.2 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni l-minuti pendenti mis-seduti preċedenti.

38.1.3 Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li riedet kjarifiki dwar il-każ tal-Plevna Hotel fil-minuti tal-4 ta' Mejju 2011.

38.1.3.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jibda jiddiskuti l-minuti b'mod kronoloġiku.

38.1.4 Il-minuti kollha ġew meħuda bħala moqrija

38.1.5 **<u>Minuti numru 34a ad hoc tad-29 ta' April 2011</u>**

38.1.5.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsillieri M. Aquilina, E. Cuschieri u P.Pace vvutaw favur. Il-Viċi Sindku u l-Kunsiller Y. Cali astjenew. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur.

38.1.6 **<u>Minuti numru 35 (b'urġenza) tad-29 ta' April 2011</u>**

38.1.6.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsillieri M. Aquilina, S. Camilleri u P.Pace vvutaw favur. Il-Viċi Sindku u l-Kunsiller Y. Cali astjenew. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur.

38.1.7 **<u>Minuti numru 36 tal-4 ta' Mejju 2011</u>**

38.1.7.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilleri Y. Cali u P.Pace vvutaw favur. Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat kontra. Il-Kunsillier M. Aquilina astjenit. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li trid tikkwalifika l-vot għax qed tgħid li li vvutat kontra għax ma kellhiex tieħu r-recording.

38.1.8 F'dan l-istadju l-Kunsillier Y. Cali qal li qiegħed isir xi xogħol mill-impjegati tal-Kunsill fuq ordni ta' Membri Parlamentari.

38.1.8.1 Is-Sindku talbet li titresqilha aktar informazzjoni dwar din l-allegazzjoni.

38.1.8.2 Il-Kunsillier Y. Cali qal ukoll li ma jaqbilx li saret bankina quddiem residenza waħda fi Triq N Isouard. Qal li saru xogħlijiet fuq rampa ta' garaxx quddiem l-istess residenza. Qal li mhux suppost li jkun emm rampa bħala parti mill-bankina.

38.1.8.3 Il-Viċi Sindku qal li jaqbel mal-Kunsillier Y. Cali.

38.1.8.4 s-Sindku qalet illi qabel ma sar ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq Isouard, dan tpoġġa fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

38.1.9 Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li talbet biex tisma' r-*recording* tas-seduta tal-4 ta' Mejju iżda dan ma ngħataliex.

38.1.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li permezz ta' korrispondenza li kienet bagħtet lill-Kunsilliera Camilleri spjegatilha li skont il-liġi r-recorder qiegħed hemm għall-faċilitar tal-abbozzar tal-minuti għas-Segretarju Eżekuttiv.

38.1.9.2 Il-Kunsillier Y. Cali talab ikun jaf liema hu dan l-estratt mil-liġi.

38.1.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat Ordni Permanenti 14 (A) 9.

38.1.9.4 Il-Kunsillier Cali talab għall-kopja tal-korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kunsillier Camilleri.

38.1.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv tenniet li se tibgħat kopja tal-korrispondenza permezz ta' *email.*

**38.1.10 <u>Minuti numru 37 tal-11 ta' Mejju 2011</u>**

38.1.10.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier P. Pace qal li l-minuti mhumiex korretti għax m'hemmx imniżżel ir-raġuni għaliex ħareġ mis-Seduta fuq paġna 7. Is-Segretarju qalet li l-Kunsillier Pace jista' jagħmel emendi għall-minuti jekk isib sekondat u l-Kunsill japprova l-emenda. Il-Kunsillier Pace u l-Kunsillier Cali tennew li l-Kunsill għandu jisma' r-*recording.* Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet tenniet li r-recoder qiegħed hemm biex jiffacilita l-abbozzar tal-minuti iżda li l-Kunsillier Pace jista' jagħmel emenda u jżid ir-raġuni li jixtieq li titniżżel. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill iddeċida b'mod unanimu li l-approvazzjoni ta' dawn il-minuti tiġi sospiża minħabba li ma kienx hemm qbil dawr din ir-raġuni u li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lid-Dipartiment għall-gwida neċessarja dwar jekk il-Kunsilliera jistgħux jisimgħu r-*recording.*

**38.2. Materji konnessi mal-minuti**

38.2.1 **<u>Minuti numru 37 tal-11 ta' Mejju 2011</u>**

38.2.1.1 Il-Kunsillier E. Cuschieri rrefera għal punt 3.2.2 fuq paġna 7 tal-minuti u staqsa jekk kienx ordnat l-ixkaffar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ntalbu stimi u li dawn jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu.

38.2.2 Saret diskussjoni fit-tul fejn il-Kunsillier S. Camilleri qalet li l-Kunsill għandu jivverifika min pinġa r-*road markings* għal Pleva. Qalet li kien hemm il-ħaddiema jagħmlu dawn is-sinjali fis-6 ta' filgħodu u qalet li dawn ma sarux skont kif talbet it-TM. Qalet li kien hemm xi arbli bis-sinjali li ma tressqux min-naħa għall-oħra tat-triq u li hi kienet kellmet lill-handymen tal-Kunsill biex dawn jersqu. Is-Sindku spjegat li l-ħaddiema tal-Kunsill m'għandhomx *stencils* u għalhekk ma setgħux għamlu r-road markings huma. Barra minn hekk is-Sindku qalet li dawn it-tip ta' xogħolijiet jiġu ordnati mit-TM. Is-Sindku qalet li għandu jkun verifikat mat-TM min ta' l-awtorizzazzjoni biex jitpenġew ir-road markings.

**38.2.3 <u>Minuti numru 37 tal-4 ta' Mejju 2011</u>**

38.2.3.1 Il-Kunsillier Sandra Camilleri irreferit għal punt numru 3.37 u staqsiet jekk hux se ssir l-attivita tal-kumpanija '*Once Upon A Time*'. is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi wara l-aħħar talba għall-informazzjoni mill-Kunsill , il-kumpanija ma weġbitx lura.

38.2.3.2 Il-Kunsillier Sandra Camilleri irreferit għal punt numru 3.8 u staqsiet jekk kinitx ittieħdet azzjoni kontra l-bejjiegħ tal-imnut. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kemm il-Pulizija u kemm it-TM kienu ġew infurmati dwar dan il-każ.

38.2.3.3 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.9 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Pulizija kienu ġew infurmati dwar dan.

38.2.3.4 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.10 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-TM kienu ġew infurmati dwar dan iżda l-Kunsill għadu ma rċivix *feedback*.

38.2.3.5 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.11 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-Uffiċċju Amministrattiv bagħat korrispondenza lis-Sur Micallef fejn fiha spjega d-deċiżjoni tal-Kunsill

38.2.3.6 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.13 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-MEPA kienet ġiet infurmata dwar dan iżda l-Kunsill għadu ma rċivix *feedback*.

38.2.3.7 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.14 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ntbagħtet korrispondenza lid-Direttur Gvern Lokali iżda l-Kunsill għadu ma rċivix *feedback*.

38.2.3.8 Il-Kunsillier Y. Cali irrefera għal punt 3.16 u staqsa jekk kinitx ittieħdet azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ntbagħtet korrispondenza lit-TM iżda l-Kunsill għadu ma rċivix *feedback*.

38.2.4 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier P. Pace jekk, kif miftiehem waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill, kienx ħadem biex il-Berġa timxi mill-*premises* tal-Kunsill għall-post il-ġdid. Il-Kunsillier Pace qal li kien għadu ma għamel xejn dwar dan.

38.2.5 Il-Viċi Sindku qal illi fil-minuti qegħdin jitniżżlu biss id-deċiżjonijiet u għalkemm ikun imniżżel li saret diskussjoni ma jkunx hemm id-dettalji kollha miniżżlin. Is-Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina qablu ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-iskop tal-minuti mhux dak li jkun hemm *transcription* ta' kull ma jkun intqal waqt il-laqgħa iżda l-għan huwa li jkunu rrekordjati d-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

38.2.6 Il-Viċi Sindku kompla jgħid illi attenda laqgħa organizzata mis-*Sliema Residents Association* u qal li r-residenti ma kienux kuntenti bix-xogħol mwettaq mill-Kunsill. Qal li l-Kunsill ġie kkritikat għaliex ma għamilx ir-road markings fi Triq Sant' Enriku, liema markings qal ma saux għax il-Perit ma tax ir-rapport dwar din it-Triq kif mitlub minnu mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li tista' tifhem li ħafna drabi r-riżultati ma jkunux jidhru mill-ewwel iżda qalet li dan ikun frott ta' dewmien minn awtoritajiet oħra. Qalet li każ tipiku huwa d-dewmien tat-TM għall-awtorizzazzjoni biex jitwaħħlu *bollards* fuq il-bankini, fejn qalet li wara tmien xhur il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-TM, u li qegħda tkun ippreżentata llum lill-Kunsill, li qed tipprojbixxi li jitwaħħlu bollards f'ċertu toroq mitluba mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jaqbad u jwaħħal il-bollards mingħajr ma' jitlob dawn it-tip ta' permessi kif għamel il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali meta waħħal *bollards* tul il-bankini li saru ġodda minnu.

**38.7. Affarijiet oħra**

38.7.1 B'referenza għal-laqgħa mgħajta b'urġenza mit-Transport Malta mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema dwar is-servizz tal-Arriva fis-27 ta' Gunju, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-prezenza tas-Sur Konrad Pule (TM), is-Sur Kevin Zahra (TM) u s-Sur Darren Borg (Arriva), ġiet infurmata illi l-Arriva kellhom problemi logistici bir-rotta 116. Qalet li s-Sur Konrad Pule spjegalha li biex ir-rotta 116 tgħaddi minn Triq Amery kif avzat iridu jitneħħew mal-40 parkeġġ biex ikunu jistgħu jgħaddu l-karozzi tal-linji minn din it-Triq. L-alternattiva għat-tneħħija tal-parkeġġ kienet li tal-linja tgħaddi minn Triq Dingli. Qalet li t-TM trid tkun taf liema minn dawn iz-zewg opzjonijiet għar-rotta 116 se jasal il-Kunsill.

38.7.1.1 Il-Kunsill b'mod unanimu ma qabilx mat-tneħħija ta' iktar parking spaces f'Tas-Sliema.

38.7.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-TM qed issostni li s-servizz tat-trasport cirkolari tal-Kunsill jiefaq mal-introduzzjoni tal-Arriva fit-3 ta' Lulju, 2011 u li minflok l-Arriva se tipprovdi servizz cirkolari permezz tar-rotta numru 116 li se tkun qiegħda ddur ma' Tas-Sliema u tibqa' nieżla sal-Gżira (kopja tar-rotta annessa bħala Dok 'A').

38.7.1.3 Il-Kunsill b'mod unanimu ma qabilx ma' dan hu sostna li s-servizz tat-trasport cirkolari kien qed ikun provdut b'xejn lir-residenti, waqt li bl-introduzzjoni tal-Arriva, dan se jkun bi ħlas.

38.7.1.4 Il-Kunsill innota wkoll li għalkemm it-TM qed issostni li r-rotta 116 hija servizz cirkolari ma Tas-Sliema din mhux se tkun qed tghaddi mill-istess toroq li kien jgħaddi minnhom is-servizz cirkolari.

38.7.1.5 Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsill jista' jesplora l-possibilita li jippropni lil kumpanija Coop Services joffru servizz għall-impjegati ta' Tas-Sliema bħas-servizz li qegħdin joffru għall-impjegati tal-Belt.

38.7.1.6 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li ma taqbilx għaliex il-Kunsill mhuwiex kumpanija ta' *taxi service.*

38.7.1.7 Is-Sindku pproponit li l-alternattiva li tingħata lit-TM tkun dik li r-rotta 116 tagħmel l-istess rotta li kien jagħmel is-servizz cirkolari li kien joffri l-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.7.1.8 F'dan l-istadju l-Kunsillier E. Cuschieri qal li se jagħmel petizzjoni f'isem l-anzjani li jużaw is-servizz ċirkolari tal-Kunsill.

38.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Direttrur Generali Works Division, il-Perit Raymond Farrugia għajjat *coordination meeting* dwar xogħlijiet il-Ferries it-Tlieta 28 ta' Gunju fil-11 ta' filgħodu. Qalet li fil-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Farrugia ma kienx hemm dettalji dwar dawn ix-xogħlijiet.

38.7.3 Il-Kunsillier Y. Cali talab lista tas-sinjali tat-traffiku li saru minn Jannar s'issa.

38.7.4 Il-Kunsillier Y. Cali talab lista tal-garaxxijiet kollha f'Tas-Sliema.

38.7.4.1 Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li l-Kunsill għandu joħroġ bye-law fejn il-garaxxijiet ikunu kollha reġistrati mal-Kunsill u jinxtraw stickers apposta mill-Kunsill biex juru dan.

38.7.4.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jirrikorri għall-parir tal-Avukat tal-Kunsill biex jivverifika jekk tistax tiġi ppubblikata *bye-law* ta' dan it-tip u jinħarġu *stickers* apposta mill-Kunsill.

38.7.5 Il-Kunsillier Y. Cali talab lista tad-djar vojta f'Tas-Sliema. Qal li jekk il-faċċati ta' dawn id-djar ikunu fi stat ħażin il-Kunsill għandu jagħlaqhom spejjeż tiegħu biex ma jitħallix ħmieġ jintrema fihom jew isir abbuż fihom.

38.7.5.1 Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina qalu li ma jaqblux ma' din il-proposta. Is-Sindku qalet li f'każijiet fejn ikun qed isir abbuż il-Kunsill jitlob għall-intervent tal-Pulizija. Wara diskussjoni ġie deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-Avukat tal-Kunsill u għandu jivverifika mal-Avukat jekk il-Kunsill jistax iġiegħel lis-sidien ta' dawn il-postijiet jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji..

38.7.6 Il-Kunsillier Y. Cali talab lista tal-advertising barriers u l-kiddie rides u qal li lararba tkun kumpilata l-lista u jibdew jitwaħħlu stickers mal-kiddie rides li juri li għandhom il-permess mill-Kunsill.

38.7.7 Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsill għandu jagħlaq il-ventilaturi tad-djar privati b'netting. Kien hemm diskussjoni dwar ir-rwol tal-Kunsill u l-ammessibilita li l-Kunsill jagħmel xogħlijiet fi proprjeta privata.

Issemma l-każ tad-dar li l-Kunsill kien ħadem fuqha aktar kmieni s-sena l-oħra. Ġie deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill għandu jirrikorri għall-parir legali tal-Avukat tal-Kunsill.

38.7.8 Il-Kunsillier Y. Cali qal li qiegħed jikber il-ħaxix ħażin fil-fili tal-bankini u qal li għandha tinxtara kimika li tintefa fil-fili biex dan il-ħaxix ma jerġax jikbar. Il-Kunsilliera preżenti qalu lid an il-każ kien diġa tqajjem darb'oħra u d-Dipartiment ikkonċernat ma tax il-permess biex tintuża din il-kimika iżda qablu b'mod unanimu li għandha tintbagħat korrispondenza dwar dan lil Dr Gruppetta għal parir tiegħu.

38.7.9 Il-Kunsillier Y. Cali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi tmiem il-ġimgħa l-oħra, mat-tower krejn li hemm fi Triq Dingli il-bajla tħalliet imdendla fl-ogħli u setgħet tkun ta' periklu speċjalment meta jagħmel ir-riħ. Il-Kunsillier Cali għandu jibgħat ir-ritratti li juru dan lill-Uffiċċju Amministrattiv biex ikellmu lill-kuntrattur ikkonċernat.

38.7.10 Il-Kunsillier Y. Cali wera ritratt li juri li hemm sinjal tat-traffiku mkisser fuq il-bankina fi Triq ir-Reġina Vittorja. Il-Kunsillier Cali għandu jibgħat *soft copy* ta' dan ir-ritratt lill-Uffiċċju Amministrattiv biex jieħu l-passi meħtieġa.

38.7.11 Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-*website* tal-Kunsill, għandha tiġi aġġornata mill-impjegati tal-Kunsill, immedjatament kif ikun hemm bżonn ta' avviżi ġodda fuq is-sit. Kien spjegat li ċertu informazzjoni bħal ma huma avviżi diġa tiġi aġġornata mill-impjegati tal-Kunsill.

38.7.12 Il-Kunsillier Y. Cali talab li jiġu mkejjla xi linji tal-parkeġġ bojod u *motorcycle parking bay* li hemm fi Triq San Nikola. Il-Kunsillier Cali għandu jibgħat *soft copy* ta' ritratt ta' dan il-parkeġġ lill-Uffiċċju Amministrattiv biex jieħu l-passi meħtieġa.

38.7.13 Il-Viċi Sindku qal li waqt il-laqgħa tas-Sliema Residents Association, intqal li dawk il-kuntratturi li kienu ħallsu somom eċċessivi għal permessi tal-krejnijiet se jfittxu lill-Kunsill biex jieħdu dawn il-flus lura. Kien spjegat li l-liġi nbiddlet u l-Kunsill mal-bidla fil-liġi beda jadderixxi mal-Avviż Legali 119/2002.

38.7.14 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li l-Kunsill għandu jikteb lis-sid tal-Plevna Lido fejn jinfurmah li għandu jneħħi l-bollards u l-katnazzi li waħħal fl-isqaq li minnu hemm aċċess għal-lidos u għall-baħar.

38.7.14.1 Kien hemm diskussjoni dwar jekk l-art li fuqha twaħħlu l-bollards hix art privata jew art pubblika.

38.7.14.2 Il-Viċi Sindku spjega li waqt żjara li għamel ma' persuni oħra responsabbli minn lidos oħra fl-istess żona intqal lilu li s-sqaq li minnu jidħlu s-servizzi huwa proprjeta privata. Il-Viċi Sindku qal li dan is-

sqaq li fit-tarf tiegħu hemm imwaħħlin il-bollards huwa l-unika aċċess li ħalla l-Gvern Ċentrali wara li lesta l-proġett ta' Qui-Si-Sana.

38.7.14.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jivverifika jekk din hix art pubblika jew art privata qabel ma jieħu xi tip ta' azzjoni.

38.7.15 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li wara li l-Kunsill kien infurmat li se ssir lill-unika kandidata li applikat mas-sejħa interna għal impjegati klerikali rriżulta li din ma kinitx tilħaq mal-aspettattivi tal-Kunsill u għaldaqstant qed tipproponi li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ u d-Dipartiment ghal Gvern Loklali biex il-Kunsill ikun jista' jingħata lista ta' kandidati minn Part 1 għall-persuni bla impjieg. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.7.16 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-knis fil-jum tal-festi f'Tas-Sliema. Qalet li Cleansing Services Department jista' jipprovdi dan is-servizz għal ħlas ta' €600 għal kull festa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jsir il-knis f'kull festa.

38.7.17 Is-Sindku proponiet illi bħal kull sena fi żmien Santa Marija jieqfu l-permessi tal-krejnijiet. Ipproponiet li ma jinħarġux permessi bejn l-10 u 17 t'Awwissu, 2011. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.7.18 Il-Kunsill kien infurmat li l-Ispettur Tonna responsabbli mit-*traffic* għal-lokalita ta' Tas-Sliema rċieva lmenti minħabba li l-Kunsill ta' permess liċ-ċiklisti jsuqu fuq il-bankina. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li minħabba li f'Tas-Sliema m'hemmx cycle lanes, iċ-ċiklisti għandhom jitħallew isuqu fuq il-bankina. Il-Kunsill innota li għamel sinjali apposta biex iċ-ċiklisti jsuqu bil-galbu.

38.7.19 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Cleansing Services Department biex ix-Xatt jitneħħew 4 (erba') postijiet tal-parkeġġ biswit il-*mobile toilets* biex ikun jista' jidħol aħjar il-bowser li jnaddaf l-istess *mobile toilets*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li m'għandhomx jitneħħew dawn il-parkeġġi.

38.7.20 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ta' permess lid-*Dive Shack* fix-Xatt ta' Qui-Si-Sana għal żewġ *loading/unloading bays* u qal li sar jaf li dawn qiegħdin jimlew iċ-ċilindri b'mod illegali. Is-Sindku qalet li l-permess ingħata għal *area* waħda.

38.7.21 Il-Viċi Sindku qal li ltaqa' ma' rappeżentanti ta' The Point li qegħdin jitolbu li l-Kunsill jorganizza attivitajiet ma' The Point ukoll, kif għamel mas-Sliema Business Community.

38.7.22 Il-Viċi Sindku qal li hemm tinda ma ġenb il-*bring in site* li hemm ix-Xatt. L-Uffiċċju Amministrattiv għandu jinforma lill-awtoritajiet ikkonċernati biex din titneħħa.

38.7.23 Kien hemm diskussjoni dwar ir-riallokazzjoni tal-*bring in site* fi Qui-Si-Sana minħabba li l-Kunsill kien ġie nfurmat mit-TM li jrid jinstabilha post alternattiv għax ma jistgħux jiefqu vetturi fis-sit li bħalissa hem mill-*bring in site* fih.

38.7.23.1 Il-Viċi Sindku qal illi minħabba li l-Gvern Ċentrali tal-art li kellha sservi ta' parkeġġ lill-kuntrattur privat, ma ħalliex opzjonijiet għar-rialokazzjoni ta' dan is-sit.

38.7.23.2 Kien issuġġerit li l-bring in site titressaq fil-parkeġġ li hemm bi swit il-Fortizza.

38.7.23.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Glen Calleja mill-Green MT mar fuq il-post flimkien mal-Contracts Manager tal-Kunsill biex jivverifika jekk is-sit ta' Qui-Si-Sana jistax jitressaq għal din iż-żona, izda qalet li kienet infurmata mis-Sur Calleja li mhux possibli għall-RCV jaċċessa dan il-parkeġġ.

38.7.23.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Green MT għandu jagħti opzjonijiet lill-Kunsill, fost dawn l-opzjonijiet il-Green MT għandu jivverifika jekk jistax jipproponi siti iżgħar.

38.7.24 Il-Viċi Sindku qal li l-kennies fi Triq Sant' Alfonsu mhux qed jiknes kif suppost u t-triq qiegħda tibqa' maħmuġa.

38.7.25 Il-Viċi Sindku qal li twaħħal air conditioning unit mal-arkata ta' Sqaq Sajjan. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jsir rapport lill-awtoritajiet ikkonċernati.

38.7.26 Il-Viċi Sindku qal li għandhom jitwaħħlu sinjali mal-iskejjel tal-Ingliż f'Tas-Sliema biex jindikaw li l-post għandu jinżamm nadif u biex l-istudenti jirrispettaw ir-residenti u ma jagħmlux storbju.

38.7.26.1 Il-Kunsillier Y. Cali qal li dawn is-sinjali għandom isiru mill-iskejjel stess.

38.7.26.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu l-ewwel jivverifika kemm se tkun l-ispiża qabel ma jeħlu dawn is-sinjali.

38.7.27 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li għandhom jitneħħew il-*bollards* ta' Triq Ġuże Cardona jekk dawn twaħħlu mingħajr il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

38.7.28 Il-Kunsillier P. Pace qal illi l-Kiosk ta' Peppi qed ikollu numru ta' ċilindri tal-gass barra biswit il-ġonna u l-playground u dawn jistgħu ikunu ta' periklu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jikteb lill-awtoritajiet kompetenti.

***Il-Kunsillier M. Aquilina kienet skużata mis-seduta fit-8.22 ta' filgħaxija.***

38.7.29 Il-Viċi Sindku staqsa meta se jibda jinġabar l-iskart riċiklat nhar ta' Ġimgħa wkoll. Is-Sindku spjegat illi qabel irid jiġi aġġudikat it-*tender* għall-ġbir ta' skart mħallat u fakkret li l-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni kellu jiltaqa' nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju fis-6.30 ta' filgħaxija.

38.7.30 Il-Kunsillier E. Cuschieri spjega illi l-*bus stages* li saru mill-Arriva ngħataw ismijiet ħżiena. Is-Segretarju qalet li waqt il-laqgħa mal-arriva, l-Uffiċjali preżenti nfurmawha li l-kumpanija kienet konxja minn dawn l-iżbalji.

38.7.31 Il-Kunsillier E. Cuschieri staqsa se jagħmel il-Kunsill minħabba li t-Transport Malta neħħew mal-170 post ta' parkeġġ. Ma ttieħditx deċiżjoni dwar dan.

38.7.32 Il-Kunsillier E. Cuschieri saqsa dwar il-possibilita li l-monument ta' Triq Bisazza isir tal-ħadid. Ma ttieħditx deċiżjoni dwar dan.

***Is-seduta ġiet fi tmiemha fit-8.26 ta' filgħaxija.***

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jaġġorna għas-seduta 40 li kienet mgħajjta għall-istess ġurnata.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum L-Erbgħa 10 ta' Awwissu 2011.
(jum) (data) (xahar)